**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LLD**

**Seduta tad-29 ta' Novembru 2018**

**Appell Kriminali numru. 523/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spet. James Grech, Spet. Carol Fabri)**

**Vs**

**Dylan McKay**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkuzat talli fid-9 ta' Novembru 2014, għall-ħabta tad-21:30 ġewwa Paceville, San Ġiljan flimkien ma persuni oħra:

(1) Ikkometta serqa ta' arloġġ Rolex, mobile phone u/jew xi oġġetti oħra minn fuq il-persuna ta' Wayne Lughermo, liema serqa huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2329.37 u bil-ħin għad-detriment tal-istess Wayne Lughermo u/jew ta' xi persuna/i oħra;

(2) Flimkien ma persuni oħra, bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-pirvat li jarresta l-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Wayne Lughermo kontra l-volonta' tiegħu liema persuna waqt l-arrest, żamma jew sekwestru ġie offiż fuq il-persuna u/jew mhedded bil-mewt, bilħsieb ta' estrosjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex ikun mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu;

(3) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Wayne Lughermo f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Wayne Lughermo liema ħsara ġiet klassifikata bħala ħafifa minn Dr. Stefan Camilleri (Med Reg 1771);

L-ewwel Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat Dylan McKay, iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2016, li biha, sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-artikoli 17, 31, 86, 87,(1)(c), 214, 215, 221(1), 261(a)(c)(f), 262(1)(a), 267, 270, 274(c)(d), 275, 277(a), 279(b), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu għal sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal erba' snin. Inoltre ai termini tal-artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta poġġiet lill-ħati taħt ordni ta' Supervizjoni għal żmien sentejn apparti l-ħlas ta' kumpens fl-ammont ta' €3600 lil parte leża skond dak dispost fl-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema somma għandha titħallas fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza, kif ukoll il-ħlas tal-ispejjez peritali ammontanti għal €1185.03 skond dak dispost fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Dylan McKay minnu ppreżentat fid-9 ta' Novembru 2016 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha u minflok tilliberaħ minn kull ħtija u piena.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant McKay jikkonsistu fil-qosor li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni u/jew interpretazzjoni skoretta jew inkompleta tal-ipoteżi tal-liġi peress li fil-fehma tieghu l-Qorti straħet fuq konġetturi jew dikjarazzjonijiet li ma sabux konfort mill-provi. *Di piu* l-appellant jishaq illi l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet issib ħtija fuq il-provi miġjuba mill-prosekuzzjoni li ma kienux suffiċjenti u li kienu bbażati biss fuq suspetti u konġetturi u xejn aktar u dan peress li Wayne Lughermo x-xhud fuq min il-prosekuzzjoni qed tibbaza l-każ tagħha mhuwiex attendibbli.

Inoltre, mingħajr preġudizzju ghal dan l-ewwel aggravvju jishaq illi ma hemmx prova adegwata tal-valur tal-oġġetti misruqa. Ukoll l-Ewwel Qorti, fil-fehma tieghu, kienet żbaljata meta sabitu ħati bħala awtur u dan peress li dejjem jekk tirrizulta xi htija, hu semmai kien kompliċi u mhux awtur. Finalment ma hemm l-ebda prova fil-konfront tal-appellant għal dak li jirrigwarda t-tieni u t-tielet imputazzjoni kemm bħala awtur kif ukoll bħala kompliċi. L-appellant jgħid ukoll li konsegwentement hu ma setax jiġi ordnat li jħallas kumpens lil Wayne Lughermo (minħabba n-nuqqas tal-prova tal-valur). Finalment u dejjem mingħajr preġudizzju, l-appellant jilmenta illi l-piena imposta fuqu mill-Ewwel Qorti hija waħda eċċessiva.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti processwali u tad-decizjoni impunjata jirrizulta bhala fatt inkontestat illi l-persuna li fizikament aggrediet lill-parti leza Wayne Lughermo, u allura l-ezekutur tal-att materjal tar-reat tas-serq, ma kienx l-appellant. Dan ghaliex Lughermo stess ighid illi fil-mument meta sehhet l-aggressjoni u sussegwentement is-serqa tal-arlogg Rolex li kien libes u tat-telefown cellulari tieghu, l-appellant kien mexa iktar 'il quddiem minnu, dar wara l-karozzi u tilfu mill-vista tieghu. Il-persuna li aggredietu giet minn warajh u meta jaghti deskrizzjoni ta' din il-persuna lill-espert tal-Qorti, huwa jindika li dan ma kienx l-appellant izda xi persuna ohra. Fil-fatt jallega illi l-appellant kien miftiehem ma' xi hbieb tieghu sabiex jikkomettu s-serqa u dan meta nducieh johrog 'il barra mill-istabbiliment Havan, sabiex b'hekk il-halliel seta' jikkometti s-serqa minn fuq il-persuna tal-parti leza. Dan ifisser illi l-appellant allura jipprezenta ruhu fil-figura tal-ko-awtur fil-kummissjoni ta' reat billi mill-provi imressqa 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni hemm definit l-involviment tal-appellant bhala dak li allegatament offra l-ghajnuna tieghu sabiex l-att materjali tal-esekuzzjoni tad-delitt seta' jirnexxi.

Issa, allura, sabiex l-appellant seta' jinstab hati bhala ko-awtur f'dan id-delitt irid jirrizulta soddisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali tieghu mal-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat izda u fuq kollox illi huwa ippresta il-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi irid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn dawn it-tnejn minn nies ai fini li jigi kommess is-serq mertu tal-kaz. Mankanti il-prova ta' dina l-intenzjoni u cioe' ta' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu l-hajja. Kwindi irid jigi ippruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[1]"

Maghmula allura dina l-kostatazzjoni, kellu jigi ippruvat qabel xejn mill-prosekuzzjoni illi l-appellant kellu 'l hekk imsejjah *common design* mal-awtur tar-reat, kif allegat. Dan il-fatt madanakollu jidher li sfugga lill-Ewwel Qorti billi mid-decizjoni appellata jidher biss illi mill-provi prodotti saru presunzjonijiet ta' fatt li setghu implikaw lill-appellant f'din is-serqa, minghajr ma gie stabbilit dan il-ftehim pre-ordinat ma' terz jew terzi fl-esekuzzjoni tad-delitt.

[1] App.Krim 24/05/2002 Il-Pulizija vs Carmelo Agius et.

**'Min ihajjar lil persuna ohra biex tikkommetti s-serq, u waqt li dik il-persuna tikkommetti s-serq jiddistrahi lil dawk li jkunu prezenti, huwa ħati ta' serq huwa wkoll bħala ko-awtur; għaliex huwa ko-awtur f'delitt minħabba parteċipazzjoni materjali mhux biss dak li jkun l-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat, imma anki min b'xi mod iehor jippresta ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt.'**[2]

Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha taghmel serje ta' mistoqsijiet li fil-fehma taghha kellhom isibu it-twegiba taghhom fil-persuna tal-appellant.

Illi l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni li tefa' dawl fuq l-akkadut kien biss il-parti leza Wayne Lughermo, li madankollu fil-fehma tal-appellant ma kienx xhud attendibbli peress li xehed iktar minn darba u ma kienx konsistenti fir-rigward ta' ċerta fatti. Jishaq l-appellant illi t-testimonjanza li huwa jagħti fejn jimplika lill-appellant hija bbażata fuq suspetti u konġetturi u mhux provi konkreti li allura l-Ewwel Qorti ma' kelliex toqgħod fuqhom.

Ikkunsidrat:

Illi Wayne Lughermo xehed f'mhux inqas minn tlett okkazzjonijiet separati u cioe' dakinhar stess tal-inċident u ċioe fid-9 ta' Novembru 2014 fejn ġie interrogat mill-espert Tekniku debitament maħtur mill-Inkwirenti[3], fit-23 ta' Diċembru 2014 quddiem il-Qorti Struttorja[4] kif ukoll fil-25 ta' Frar 2016 riprodott mill-ġdid quddiem l-Ewwel Qorti fuq talba tal-prosekuzzjoni wara li l-Maġistrat sedenti inbidel[5]. Meta xehed quddiem l-espert stqarr li hu kien qiegħed il-Havana mal-ħbieb tiegħu bejn id-21:00 u l-21:45. Skond ix-xhud hu kien fil-kumpanija ta' tlett persuni oħra fosthom l-appellant Dylan McKay u żewġ ġuvintur oħra certu Luke magħruf bħala l-Barrett u ieħor li ma jafx x'jismu. Filwaqt li kien qed jixrob mal-appellant dan tallbu biex jakkumpanjaħ sal-parkeġġ li jinsab faċċata tal-istabbiliment Havana sabiex iġib xi ħaġa mill-vettura tiegħu. Hekk kif kienu dehlin gewwa il-parkegg, l-appellant beda miexi iktar 'il quddiem mill-parti leza meta f'daqqa waħda hekk kif kienu wasslu bejn wieħed u ieħor f'nofs il-parkeġġ, ħass persuna taqbdu minn għonqu minn wara li tefgħu mal-art. Ix-xhud beda jsejjaħ lill-appellant għall-għajjut. Jiddeskrivi lill-aggressur tieghu bhala persuna b'xagharu mqaxxra u bjond, liebes ġakketta 'cream'. L-aggressur seraqlu r-Rolex li kellu f'idejħ kif ukoll il-mobile Samsumng S5 ta' lewn blu bin-numru 99622511 abbonat mad-ditta Vodafone. Hu sofra xi ġrieħi konsegwenza tal-aggressjoni subita.

---

[2] Deċiża fil-25 ta' Ottubru 1958 mill-Imħallef Dr. W. Harding - Pulizija vs Joseph Scicluna app.inferjuri.

[3]Folio 112 tal-atti proċesswali formanti parti mir-rapport ta' Dr. Leontine Vella u nserita fl-inkjesta Maġisterjali relattiv għal dan il-każ.

[4] Folio 18 tal-atti proċesswali quddiem il-Maġistrat Carol Peralta.

[5] Folio 172 tal-atti proċesswali quddiem il-Maġistrat Donatella Frendo Dimech.

Ix-xhud jissuspetta l-involviment tal-appellant fil-kummissjoni ta' dan id-delitt peress li fil-fehma tiegħu hu kien miftiehem mal-aggressur, ghaliex ftit qabel l-agressjoni mexa iktar 'il quddiem minnu u hallieh wahdu. Ighid li rah idur ma' karrozza Peugeot li jaf li mhijiex tiegħu, billi dan għandu vettura tal-għamla Renault ta lewn griż bl-ittri DYL iżda li l-numri ma jiftakarhomx. Hu ssupetta wkoll li kien Luke maghruf bhala l-Barrett il-persuna li qabditu minn għonqu allavolja mhux ċert minn dan lanqas. Ma kienx f'posizzjoni ighid lanqas jekk l-aggressur tieghu kienx wahdu jew le.

Wara l-aggressjoni l-appellant rega lura hdejh u meta ra dak li kien sehh sejjah ghal taxi sabiex din twassal lil Lughermo l-ghassa tal-pulizija, liema taxi hallas ghaliha l-istess appellant. Ikkjarifika iktar tard fix-xhieda tiegħu li filfatt l-appellant akkumpanjaħ fit-taxi l-għassa iżda ma kienx akkumpanjaħ meta mar il-Poliklinika biex jiġi nvistat mit-tabib minħabba l-ġrieħi li subbixa mill-aggressjoni u kien f'dan l-istadju li ħallaslu taxi biex imur il-Polyclinic.

Ix-xhud ighid illi kien ilu habib mal-appellant ghall-ahhar tlett snin u ġieli ħarġu flimkien. Dan Luke, li jahseb li kien il-persuna li aggredieh, u li fil-kumpilazzjoni ighid li kien kunjomu Farrugia, kien ikun ta' spiss mal-appellant ukoll. Ix-xhud ighid li Luke huwa konoxxenza tieghu, kif ukoll certu Andre, li kien fil-kumpanija tal-appellant dak in-nhar tal-incident. Jiftakar li kien hemm persuna oħra izda li ma jafx min hi. Lughermo ighid li aktar kmieni f'dak il-jum kien iltaqa' ma wieħed jgħidulu l-Cuomo fejn kienu zaru xi stabbilimenti ohra tal-ikel u xorb u fl-ahhar spiccaw il-Havana fejn kien iltaqa' mal-appellant li ighid li kien ilu jċempillu minn wara nofsinhar. Fil-fatt kien iltaqa' mieghu u ma' shabu iktar kmieni, izda dawn kienu telqu u imbaghad regghu iltaqghu il-Havana. Ighid li l-Cuomo telaq kmieni mill-Havana, izda hu baqa' hemmhekk jixrob ma' zewg tfajliet kif ukoll mal-appellant u sħabu. Ighid li dak in-nhar kien ilu jixrob mis-saghtejn ta' wara nofs in-nhar izda jichad li kien fis-sakra.

Ir-*res furtiva* derivanti mir-reat qatt ma instabet mill-pulizija. Il-parti leza jikkontendi li hu kien xtara r-Rolex mill-idejn minn persuna ħabiba tiegħu li jġibhom mit-Tajlandja u li jkunu oriġinali imma ma jkunux ġodda. Il-prezz tieghu kien ta' €3000. Ricevuti jew certfikati ta' awtentikazzjoni izda ma jigux ezebiti mix-xhud. Rigward it-telefown cellulari jikkontendi li dan kien xtrah madwar xahrejn qabel is-serqa ghal prezz ta' €600.

Illi meta jixhed fil-kumpilazzjoni l-parti leza izid u inaqqas xi dettalji ma' dak li xehed l-ewwel darba dakinhar stess tal-inċident. Jallega f'dan l-istadju illi qabel ma l-appellant talbu biex johrog mieghu sal-karozza, rah qed jitfaghlu xi trab got-tazza tal-vodka li kienet f'idejh. Ghalkemm ma staqsiehx ghalfejn kien qed jaghmel dan, izda qabad u rema l-kontenut tat-tazza. Ighid li ghalkemm l-appellant kien qallu jakkumpanjaħ sal-karrozza sabiex iġib xi affarijiet li kellu bżonn, dawn l-affarijiet pero qatt ma ġabhom. Mistoqsi mill-Qorti għalfejn akkumpanja lill-appellant meta raħ jitfaghlu xi ħaġa fid-

*drink* ighid l-appellant kien ħabib tiegħu u ma ppretendiex li kien ser jinqala' xi ħaġa. Izid dettall iehor importanti li ma isemmiex quddiem l-Inkwirenti meta ighid li l-għada ċertu wieħed Andre ċempillu fuq in-numru tal-mobile li kellu (dak li insteraq) peress li nel frattemp kien ġab mobile ieħor u zamm l-istess numru. Dan Andre kien staqsa ghall-appellant hekk kif hu wiegeb il-kjamata. Ighid li ghalkemm dan Andre hu konoxxenza tieghu, madanakollu ma kienx hbieb mieghu u qatt ma ghaddielu in-numru tac-cellulari tieghu. F'dan l-istadju tal-process Lughermo ighid li l-aggressur tieghu kien liebes gakketta kannella ghalkemm *a tempo vergine* kien ta deskrizzjoni differenti. Semma wkoll il-fatt li ghalkemm l-appellant għandu arloġġ bħal tieghu, madanakollu kien talbu biex ibiegħulu diversi drabi.

Illi fl-aħħar deposizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, izid illi kienu tnejn l-aggressuri tieghu u mhux wiehed kif kien stqarr originarjament. Jimplika lil wiehed kunjomu Bakoush li jallega li kien mal-appellant izda imbagħad fuq mistoqsija tal-Qorti jgħid li setgħu kienu wieħed jew tnejn li qabduħ minn wara għax hu ma kienx qed iħares lejhom. Izid ukoll f'din id-deposizzjoni illi xi ġimgħa wara l-inċident, kien avviċinaħ missier l-appellant li qallu li l-Bakoush kien mar jipprova ibiegħlu l-arloġġ misruq, izda huwa ma accettahx. Dan kien ukoll offrielu €5 sabiex jinsa dan l-incident u stqarr mieghu illi ibnu u ċioe l-appellant, ma kellux x'jaqsam mal-kaz.

Ill-filmati tac-CCTV li ingabbru mill-istabbilimenti li kienu jinsabu vicin il-post fejn sehhet l-aggressjoni ma humiex cari fejn l-ebda persuna ma tintgharaf f'dawn il-filmati. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, l-appellant, kif kellu kull dritt li jaghmel, ghazel li ma iwegibx ghall-ebda mistoqsija li saritlu. Ikompli jezercita d-dritt tieghu ghas-silenzju tul il-proceduri.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali jidher illi l-appellant qieghed jigi mixli bir-reat tas-serq, tas-sekwestru tal-persuna u b'dak tal-offiza fuq il-persuna. Ma jidhirx madanakollu illi huwa gie akkuzat bhala komplici, izda bhala awtur fil-kummissjoni ta' dawn id-delitti, billi l-Avukat Generali jonqos milli jindika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minn dak li jirrizulta mill-atti probatorji apparti x-xiehda tal-parti leza Wayne Lughermo, ma hemm ebda provi indizzjarji li jistghu jimplikaw lill-appellant fil-kummissjoni ta' dawn ir-reat u li jikkoroborraw din ix-xiehda. Illi kif inghad mix-xhieda ta' Lughermo, li din il-Qorti tistqarr minnufih fiha numru ta' kontradizzjonijiet, ma jidhirx illi l-appellant seta' kien l-ezekutur materjali tar-reati lilu addebitati, ghalkemm kien prezenti fuq ix-xena tad-delitt.

Illi allura l-appellant li kien prezenti fuq ix-xena tar-reat flimkien mal-ezekutur materjali tad-delitt jista' jitqies illi huwa ko-awtur jew fl-aghar ipotesi bhala komplici, billi, kif inghad, tingieb il-prova tal-allegat ftehim bejnu u bejn persuna wahda jew aktar. Dan ghaliex irid necessarjament jigi ippruvat dak li komunement huwa imsejjah l-'*common design*' bejn l-awturi u/jew l-kompliċi u l-komportament tal-istess irid jindika lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi ikun intenzjonat sabiex l-att kriminuz jirnexxi. Dan il-komportament jew intenzjoni irid jirriżulta mill-inqas mil-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt miftiehem, mingħajr il-ħtieġa tal-konsumazzjoni kompluta. Dan ghaliex:

> **"Il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat[6]."**

Illi din il-Qorti analizzat bir-reqqa d-deposizzjonijiet tal-parti leza billi dan kien l-uniku xhud li seta' jitfa dawl fuq dan l-event kriminuz. Issa l-Ewwel Qorti ghogobha taghti affidament lil dan ix-xhud, ghalkemm kif inghad ix-xiehda tieghu mhijiex wahda konsistenti. Madanakollu fit-termini tal-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti.

Illi madanakollu dik ix-xiehda trid tkun tali illi twassal lil min hu imsejjah biex jiggudika ghal konvinciment lil hinn kull dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tal-persuna akkuzata. Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi anke jekk emmnuta, d-deposizzjoni ta' Lughermo ma tilhaqx dan il-grad gholi ta' prova mehtieg fil-kamp penali. Tant hu hekk illi fil-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha, hemm serje ta' mistqosijiet li taghmel il-Qorti li fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm it-twegiba taghhom tista' twassal sal-grad tal-probabbli, madanakollu jieqfu ferm 'il boghod mill-konvinciment morali li trid il-ligi.

Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm jezistu serje ta' cirkostanzi li setghu iwaqqghu suspett fuq il-persuna tal-appellant dwar l-involviment tieghu fil-kummissjoni tad-delitti lilu addebitati, madanakollu ma iwassalux sabiex jigi stabbilit il-ftehim pre-ordinat li tinneccessita l-ligi fil-figura tal-ko-awtur. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet presunzjonijiet ta' fatt minn segwenti fatti probatorji:

1. Illi l-appellant kien tefa' xi trab fix-xarba li kien qed jiehu l-parti leza qabel ma talbu biex johrog mieghu sal-karozza. Illi dan il-fatt jissemma' biss mill-parti leza fl-ahhar deposizzjoni

---

[6] Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter – App.Sup. 14/12/2004

tieghu u qatt ma isemmieha *a tempo vergine*. *Di piu*' ghalkemm jara din l-imgieba suspettuza fl-appellant xortawahda jaccetta li johrog mieghu sal-vettura.

2. Illi meta johorgu barra l-appellant jimxi iktar 'il quddiem mill-parti leza. Dan fil-fehma tal-Ewwel Qorti sehh sabiex l-ko-awtur l-iehor jikkometti is-serqa. Illi fil-fehma ta' din l-Qorti din tista' twassal biss ghal suspett u mhux ghal xi fatt ippruvat.

3. Illi l-appellant jerga' lura hdejn il-parti leza biss wara li l-agressur ikun harab minn fuq il-post. Ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-fatt mhux indikattiv ta' xi ftehim mal-aggressur.

4. Il-fatt illi l-parti leza ma jarax lill-appellant jersaq lejn il-vettura tieghu fil-parkegg u li dan ma gab xejn mill-vettura kif qallu li kien ser jaghmel abbinat mal-fatt illi hu akkompanjah lejn l-ghassa b'taxi u mhux bil-vettura tieghu. Hawnhekk ukoll ghalkemm jinsorgi suspett fl-agir tal-appellant, madanakollu ma jistax jigi eskluz *a priori* li l-vettura tal-appellant kienet tinsab fil-parkegg.

5. It-telefonata li issir l-ghada lill-parti leza minn ghand certu Andre' fejn jistaqsi ghall-appellant ukoll ghalkemm tqajjem suspett izda ma hijiex xi fatt ippruvat. L-ebda *call log* ma tigi ezebita mill-prosekuzzjoni sabiex jigi mistharreg jekk sarux xi telefonati wara li sehhet is-serqa. Dan Andre' fil-fatt qatt ma jitressaq bhala xhud mill-Prosekuzzjoni ghalkemm jissemma diversi drabi mill-parti leza.

6. Il-konversazzjoni li saret bejn il-parti leza u missier l-appellant tikkostitwixxi biss *hearsay* billi dan qatt ma ingib jixhed mill-Prosekuzzjoni u fi kwalunkwe kaz dan mhuwiex "*a compellable witness*" stante li hu missier il-persuna akkuzata.

Illi mehuda fl-assjem taghhom dawn il-fatti probatorji jistghu iwasslu biss ghal suposizzjonijiet izda mhux ghal fatti ippruvati. Il-Prosekuzzjoni ma tressaq l-ebda wiehed miz-zaghzagh li kienu fil-kumpanija tal-parti leza u tal-appellant f'dik il-lejla. Il-parti leza stess jindika lil diversi persuni li fil-fehma tieghu kienu involuti apparti l-appellant, u cioe' certu Luke Farrugia, Curtis Bakoush u certu Andre' kunjomu mhux maghruf, izda ma jirrizultax illi dawn gew investigati mill-pulizija. Ir-*res furrtiva* tibqa' ma tinstabx. Din il-Qorti tistaqsi mistoqsija wahda – minn fejn allura minn dawn il-fatti probatorji jirrizulta il-ftehim pre-ordinat bejn l-appellant u l-ezekutur tar-reat li jibqa' injot? Ma jirrizultax fuq kollox ma' min l-appellant seta' ftiehem sabiex jikkometti is-serqa minn fuq siehbu. Ma' Luke Farrugia? Ma' Andre'? Jew ma' Curtis Bakoush? Fuq kollox lanqas hemm prova f'hiex kien jikkonsisti dan il-ftehim, u x'kien l-involviment ta' kull wiehed mill-kompartecipi fil-kummissjoni tal-istess.

Ma jidhirx li fl-istadju investigattiv dak allegat minn Lughermo ġie esplorat ulterjorment, apparti l-allegazzjoni konċernanti Curtis Bakoush fejn allavolja hu jidher fil-filmati formanti parti mill-provi qiegħed wisq il-bogħod minn fejn seħħ l-inċident li mid-dinamika tagħha kif deskritta minn Lughermo ħadet ftit ħin ħafna biex tiġi eżegwita. In oltre anki b'referenza għal dak iddikjarat minn Lughermo li l-appellant ma kellux il-vettura tiegħu fil-parkeġġ din tikkostitwixxi biss suposizzjoni ta' Lughermo peress li ma nġagħbet l-ebda prova li fil-fatt kien minnu li f'dik il-lejla l-appellant kien wasal fuq il-post bil-vettura tieghu, liema prova fil-fehma ta' din il-Qorti kienet importanti ferm peress li kienet titfa' dawl ċar fuq il-mens rea o meno tal-appellant fil-mument meta stieden lill-vittma jakkumpanjaħ il-parkeġġ biex iġib xi ħaġa mill-vettura tiegħu. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax teskludi l-preżenza tal-vettura tal-appellant fil-parkeġġ fejn seħħet l-aggressjoni minn dak li ddepona Lughermo biss. Kif lanqas tista' tasal biex tistabbilixxi x'kien il-motiv wara it-telefonata li allegatament saret minn Andre' lil parti leza l-ghada tas-serqa, peress illi ma saret l-ebda prova dwar dak dikjarat bix-xiehda tal-istess Andre' u tal-provdituri tas-servizz telefoniku dwar it-telefonati li setghu saru fuq in-numru cellulari tal-parti leza wara li sehhet is-serqa.

Mhux biss izda l-parti leza fid-deposizzjonijiet tieghu tant hu indeciz dwar min kienu il-persuni li kienu involuti fl-aggressjoni u is-serqa minnu subita li huwa perikoluz ferm illi tinghata affidament lil dak li ighid. Dan ghaliex ghalkemm meta xehed quddiem l-espert tal-Qorti ta iktar dettalji fiziċi dwar min aggredieħ (mhux biss dwar il-ħwejjeġ) fejn anki mmensjona persuna li ħaseb li setgħet kienet involuta (Luke), madankollu meta xehed l-ewwel darba fil-kumpilazzjoni ma jsemmi lil ħadd ieħor b'ismu apparti lill-appellant allavolja jibqa' isostni li l-appellant ma kinitx il-persuna li fizikament aggredietu. Illi finalment meta xehed it-tielet u l-aħħar darba matul il-kumpilazzjoni, jsemmi b'ċerta konvinzjoni lil Bakoush u lill-appellant, x'aktarx in vista ta' dak li kien stqarr miegħu missier l-appellant u dan indipendentement mill-fatt li meta xehed l-ewwel darba fil-kumpilazzjoni u ċioe wara li kien kellmu missier l-appellant, hu qatt ma allega l-involviment ta' Bakoush.

Illi *'jigi mfakkar li fil-kamp penali dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista' jigri, mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddeciedi fuqhom il-Qorti huma dawk biss li jirrrizultaw fl-atti u kongetturi ta' fatti mhux ammessi. Minn naha tal-Prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta' x'seta' gara probabbilment jew possibilment ma jikkostitwixxu ebda prova valida. Mill-banda l-ohra, l-imputat prezunt innocenti m'ghandu jipprova xejn, izda jekk ihoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista' jaghmlu anke jekk jasal sal-grad ta' probabilita'. [vide Il-Pulizija v Joseph Ciscaldi]'*[7].

[7] Pulizija vs Bjorn Cassar Simmonds deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) 8 ta' Awwissu 2018.

Maghdud dan, allura ghalkemm kif inghad il-komportament tal-appellant huwa suspettuz u filfatt dan qajjem diversi mistoqsijiet li l-Ewwel Qorti mmensjonat u espremiet fis-sentenza tagħha u li effettivament kienu l-bażi tas-sejbien ta' ħtija, jibqa' l-fatt pero' li dawn kienu u baqgħu mistoqsijiet li ftit li xejn kellhom risposta li tista' titqies bħala prova li, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni setgħu iwasslu għar-responsabbilta' kriminali tal-appellant ghal dan l-event kriminuz, mankanti provi oħrajn li setghu jaghtu konfort jew jikkorroboraw dak mistqarr mill-parti leza.

Finalment jerga' jigi ribadit illi l-presenza wahedha tal-akkuzat fuq ix-xena tad-delitt ma tista' qatt twassal lil din il-Qorti sabiex tkun moralment konvinta illi huwa kien fassal pjan ta' azzjoni mal-aggressur jew aggressuri sabiex jigu kommessi dawn id-delitti. Ghalkemm il-Qorti tista' tasal ghal xi kongetturi jew supposizzjonijiet minn dak li hemm fl-atti, kif wasslet ghalihom ukoll l-Ewwel Qorti, certament dawn qatt ma jistghu b'xi mod iwasslu ghal kundanna ta' persuna skont il-ligi – ligi li tistabilixxi regoli cari li ghandhom jigu osservati skrupolozament u li abbazi taghhom tista' tigi stabbilita ir-reita'. Regoli li ma isibux applikazzjoni ghal provi kemmxejn fjakki li ingibu mill-Prosekuzzjoni fil-kaz taht il-lenti tal-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda tilqa' l-appell, tghaddi ghalhekk biex tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti nhar it-28 ta' Ottubru, 2016 u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**

**Deputat Registratur**